# Stqarrija

## Irrestawrata għan-natura u għan-nies, iż-żona ta’ lqugħ tar-Riżerva Naturali tas-Simar

Għaddej proġett ta’ restawr ambizzjuż li qed jagħti ħajja ġdida liż-żona ta’ lqugħ ta’ 3,200 metru kwadru fuq barra tar-Riżerva Naturali tas-Simar. Is-sit, li dejjem kien jifforma parti mir-riżerva, spiss kien jispiċċa mimli skart, rimi illegali u ħmieġ minkejja l-ġbir tal-iskart fost sforzi oħra spissi ta’ tindif minn BirdLife Malta. Issa dan l-ispazju qed jinbidel f’estensjoni li tixraq lir-Riżerva Naturali tas-Simar permezz ta’ proġett li qed jgħaqqad ir-restawr tal-abitat tas-Simar, mal-aċċess għall-pubbliku.

Fl-2022, BirdLife Malta applikat għall-fondi taħt l-iskema Community Greening Grant ta’ Project Green. B’hekk, ix-xewqa ta’ BirdLife Malta li tirrestawra dan l-ispazju setgħet issir realtà. Ħamsa u sebgħin fil-mija tal-ispejjeż tal-proġett, huma ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea filwaqt li l-Gvern Malti qed ikopri l-bqija.

**Għaddejjin ix-xogħlijiet bil-għan li dan l-ispazju jiftaħ fil-ħarifa**

Il-Kap għall-Ġestjoni tal-Art ta’ BirdLife Malta, Mark Gauci, spjega li bħalissa l-ħaddiema qed jaħdmu fuq mogħdijiet ġodda, qed jistallaw bankijiet għal picnics u jqiegħdu pannelli ta’ informazzjoni biex il-pubbliku jkun infurmat aħjar dwar l-importanza ekoloġika ta’ dan is-sit. Qed jitħawlu aktar siġar, qed jiġu restawrati l-abitati, u qed tinħoloq għadira ta’ ilma salmastru biex toħloq atmosfera simili għall-ekosistema tas-Simar. Mill-ħarifa, din iż-żona ta’ lqugħ se tkun miftuħa kuljum għall-pubbliku b’xejn, minn filgħodu sa filgħaxija.

**Proġett ta’ valur nazzjonali u internazzjonali**

Waqt żjara biex tara x-xogħlijiet li għaddejjin, il-Ministru għall-Ambjent Miriam Dalli ddeskriviet il-proġett bħala eżempju ċar ta’ tmexxija responsabbli quddiem l-isfidi tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità. Qalet li dan is-sit se jipprovdi wkoll spazju aħdar sigur u aċċessibli għal bosta persuni fosthom mas-700 resident li jgħixu fl-akwati.

Il-Ministru għall-Fondi Ewropej, Stefan Zronzo Azzopardi, enfasizza l-importanza tal-appoġġ Ewropew biex jiġu protetti siti naturali li għandhom valur kbir.

BirdLife Malta tieħu ħsieb ir-Riżerva Naturali tas-Simar, li twaqqfet bħala riżerva fl-1991. Il-komunità internazzjonali tirrikonoxxi dan is-sit bħala wieħed li jaqa’ taħt il-Konvenzjoni Ramsar u huwa wkoll sit Natura 2000. Biż-żona ta’ lqugħ irrestawrata, il-viżitaturi mhux biss se jkunu jistgħu igawdu spazju aħdar ġdid imma se jkunu jistgħu jappezzaw aktar l-importanza ekoloġika tar-Riserva Naturali tas-Simar.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/